TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 83

KAZ NRU 106

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Fulis
u
Messrs Malta Shipbuilding
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Frar 1981

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tas-27 t'Ottubru 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Joseph Fulis mill-Kumpanija Messrs Malta Shipbuilding, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant kien assistit mis-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union waqt li ghal Messrs Malta Shipbuilding deher is-Sur J. Desira, Officer i/c Administration tal-Kumpanija.

3. Statements of Case. Ghall-appellant is-Sur Angelo Bartolo ssottometta li l-appellant kien jahdem mal-Kumpanija bhala Construction Foreman, kien meqjus bhala wiehed mill-ahjar haddiema, kien tant hekk li kienu tawh ix-xoghol minflok it-Technical Officer meta dan

/2. .....

kien m rid, kellu chargeman tahtu u kien jaghmel ukoll supervizjoni fuq il-bennejja, u ghalkemm kien akkuzat li hu kien iddomanda gebel, dan hu qatt ma ghamlu. Dan kien isir mis-Senior Stores Officer u l-'vouchers' kienu kwazi kollha jigu ffirmati mic-'Chargeman', u ghalhekk meta kien instab nuqqas ta' gebel ma kienx responsabbli ghalih minkejja l-fatt li gie akkuzat hu u inqas ma kellu ic-'chance' jiddefendi ruhu, anzi l-ewwel gie suggerit lilu li jirrizenja u kien wara l-intervent tat-Taqsima tal-Union li tela' quddiem il-Bord ta' l-appell u waqt it-trattazzjoni hareg car li l-appellant ma kienx jaghmel l-ordni hu ghal gebel u inqas ma kien responsabbli hu direttament mal-wasla tal-gebel lill-kumpanija fuq il-lant tax-xoghol. Minkejja din ix-xnieda l-appellant gie mkecci.

4. <u>Ghall-Kumpanija</u> is-Sur J. Desira ssottometta li l-appellant kien dahal mal-Kumpanija b'Kuntratt ghal sentejn mid-19 ta' Frar 1979, u gie mkecci qabel iz-zmien fuq ragunijiet dixxiplinarji. Sostna li kellu "various shortcomings in the performance of his duties" li kienu gibdulu l-attenzjoni tieghu fuqhom l-ewwel minn Mr J. Schembri u wara minn Mr E. Miceli. Izda tkecca l-izjed fuq il-kaz ta' Mejju 1980 meta nstab, wara 'internal audit' illi matul il-perijodu 7 ta' Frar sat-22 ta' Frar 1980 il-kuntrattur tal-gebel tal-franka kien gieb kwantita' ferm izghar ta' gebel minn dak li kien jidher fid-'delivery chits'. Fuq dan kienet ittiehdet azzjoni dixxiplinarji u l-appellant instab hati, sussegwentement appella u anki f'dan instab hati wkoll.

5. Ma nstemghet ebda xhieda ghax it-Tribunal, qabel ma nbdiet it-trattazzjoni ried li jara kopja tal-kuntratt

halli jistabilixxi jekk fil-fatt l-appellant kienx impjegat ghal zmien definit jew le.

6. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. Wara li t-Tribunal ra kopja tal-kuntratt li jghid "Contract Period - The period of engagement shall be of a duration of two (2) years starting from the date of acceptance of appointment. The service of employees who, during this period perform their duties to the full satisfaction of the Management, will be taken into account in the event the Company decides to recruit staff for its long-term requirements," u ghalhekk l-appellant kien fil-fatt impjegat ghal zmien 'definit' ta' sentejn, per konsegwenza ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" kif provdut fl-artikolu (2) 1 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976.

7. Decizjoni. Ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz), it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant.

Cremona
C.A. Craig
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

16 ta' Frar, 1981.

em